# Mis-Surmast Direttur

# 15-il Sena Surmast Direttur



Għaddew 35 sena minn meta jien sirt membru ta' din is-soċjetà fl-età tenera ta' 8 snin meta bdejt nistudja l-mużika. Nista' ngħid li għaddew bħalleħħa ta' berqa u ninsab grat lejn din is-soċjetà li rawmitni fil-karriera mużikali tiegħi.

F'dawn is-snin kollha jien esperjenzajt kull pożizzjoni li wieħed jista' jkollu fil-lat bandistiku u dejjem irrispettajt il-pożizzjonijiet differenti li kelli. Meta bdejt indoqq il-klarinett stinkajt u studjajt biex wara ftit żmien sirt is-solista ta' din il-banda. Hawnhekk kont esegwejt diversi kunċerti tal-klarinett. Il-Kumitat dejjem investa fija meta ra l-interess tiegħi u mxejt pass pass. Jien dejjem emmint li wieħed għandu jimxi pass pass u jerfa' l-ixkora li jkun jiflaħ u qatt ma ridt naqbeż turġien biex inkun prużuntuż!! Dan nemmen li meta tikseb pożizzjoni, dik il-pożizzjoni tkun ksibtha għax tkun kapaċi u tkun tiflaħ tonoraha u tesegwiha bl-aħjar mod possibbli!! Hemm baħar x'jaqsam minn wieħed idoqq l-istrument, għad-direzzjoni u responsabiltà tal-banda!! Hawnhekk bħala s-Surmast Direttur wkoll inġorr responsabiltà kbira meta fl-istorja tal-Għadqa tagħna dejjem kien hemm Surmastrijiet Diretturi ta' ċertu portata u livell!!

Wara żmien bħala solista bdejt ngħin fit-tagħlim fi ħdan is-soċjetà tagħna fejn tajt palata sewwa fir-rebħ tal-gara mużikali li kienet organizzata mill-Għaqda tal-Baned permezz tat-tagħlim tat-teorija. F'dan iż-żmien jien komplejt l-istudji tiegħi b'mod privat fit-teorija fejn dejjem bqajt navvanza.

Wara ftit snin li bdejt ngħin fit-tagħlim, niftakar li kont ġejt avviċinat biex fil-Programm ta' Ħadd in-Nies, li bħala Soċjetà konna ntellgħu fis-sede tal-każin tagħna, jien nibda nitħarreġ fid-direzzjoni u niftakar l-ewwel *selection* li kont idderiġejt kienet is-*selection* mill-*musical The King and I*. Hawnhekk il-Kumitat u l-partitarji kienu laqgħu b'entużjażmu t-talent fid-direzzjoni għax kienu qed iħarsu għall-ġejjieni.

Nemmen li t-talent mhux bl-istudju jiġi iżda jkun diġà ġo fik, bl-istudju tkun tista' biss ittejbu!! Meta l-Assoċjazzjoni tal-Baned kienet torganizza l-Festival tal-Baned taż-Żgħażagħ dan bdejt nieħu ħsiebu jien wara ftit snin li kien jidderiġieh is-Surmast Direttur ta' dak iż-żmien. Hawnhekk permezz ta' ċertu studju fid-dettal komplejt il-karriera fid-direzzjoni.

Il-Kumitat wara dan kollu kien ħatarni bħala Assistent Surmast u tul dan il-perjodu dejjem bqajt leali lejn is-superjuri tiegħi u bqajt nattendi bi ħġari għal kull servizz li kien ikollha l-banda kif ukoll b'mod regolari l-provi.

Dan qed ngħidu biex wieħed jieħu eżempju li tkun xi tkun il-pożizzjoni tiegħek fil-banda għandu dejjem ikun hemm *commitment*, li fiż-żminijiet tal-lum b'mod sfortunat, ngħid li dan qed narah qed jonqos. Lealtà u l-valuri qegħdin dejjem jintilfu u wisq nibża li fil-baned b'mod inġenerali qed nesperjenzaw nuqqas kbir ta' mużiċisti għax inutli wieħed jgħallem u jtella' mużiċisti tajbin meta mbagħad is-soċjetà ma tieħux is-servizz totali tagħhom kull meta jkollha bżonn!! Is-sens ta' volontarjat qed dejjem jintilef naqra naqra!!

Ħmistax-il sena ilu, propju fl-1 ta' Jannar 2000, wara

xahrejn ta' delebirazzjoni u proċess li kien għamel il-kumitat ta' dak iż-żmien flimkien mal-mużiċisti tal-post kif jitlob l-istatut, wara r-riżenja tas-Surmast preċedenti, kont inħtart bħala Surmast Direttur liema pożizzjoni għadni nokkupaha sal-lum!!

F'dawn il-ħmistax-il sena nista' ngħid li għaddejt esperjenzi varji. Il-programm annwali tal-festa minn dik is-sena stess bdejna nagħmluh fuq skala ikbar u bdejna ntuh ġurnata għalih. L-istess il-Kunċert ta' Ħadd in-Nies wara sena bdejna wkoll intellgħuh ġewwa s-Sala Notre Dame (is-sala tal-kapillan) fejn bdejna nagħmluh fuq skala ikbar u l-attendenza tan-nies għal kull kunċert li għamilna s'issa dejjem intwera l-apprezzament ta' din id-deċiżjoni. Esperjenza li żgur timmarka u ssaħħaħ l-għaqda li għandi ma' din l-Għaqda hija l-eżekuzzjoni tal-Cantata in B Flat Major lil Sidtna Marija Omma tal-Grazzji. Din kont ikkomponejtha fil-50 sena Anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari u ġiet esegwitha waqt Akkademja Mużikali li l-Banda San Mikiel kienet organizzat ġewwa s-Santwarju maestuż f'Ħaż-Żabbar.



Is-sodisfazzjon tiegħi huwa li kkomponejtha fuq il-versi tal-poeta mibki u ex-President tal-Għaqda Karmenu Ellul Galea li huwa l-istess poeta li kien kiteb il-kliem tal-Innu Uffiċjali tal-Inkurunazzjoni fuq mużika ta' Casapinta, liema innu huwa propjetà esklussiva tal-Għaqda tagħna!! Għalhekk inħoss li permezz tal-Cantata kien hemm kontinwazzjoni.

Il-mużika impenjattiva li dejjem esegwejna kompliet trawwimni u nista' ngħid li r-repertorju tal-banda tagħna, fejn dak li jirrigwardja l-mużika impenjattiva, huwa vast ħafna! Biss biss nista' ngħid li anke fejn inkunu mistednin intellgħu programm waqt festi ta' rħula oħra dejjem ħadna ħsieb li ndoqqu mużika ta' ċertu mpenn. B'hekk biss inħoss li nibqgħu nżommu l-livell tal-banda fuq l-ogħla pedestall!

Esperjenzi sbieħ kelli fil-konkors ġewwa l-Polonja fejn minn 14-il banda kklassifikajna fit-tieni post, kif ukoll ġewwa l-Isvizzera fejn il-kunċert tal-banda nstema' dirett fuq radju nazzjonali.

Min-naħa tiegħi nista' ngħid li dment jibqa' dak l-appoġġ lejja kif ukoll fiduċja fija jien għandi iktar x'noffri lil din is-Soċjetà li hija pedina importanti fil-qasam bandistiku Malti. Dejjem kienet strumentali fil-132 sena kemm ilha mwaqqfa u skoprit talenti ġodda fil-qasam mużikali li kienu u għadhom jagħmlu isem fil-kultura Maltija.

Nirringrazzja b'mod pubbliku lill-mużiċisti tal-post għas-servizz tagħhom u nisħaq biex il-*commitment* jiżdied għax flimkien bħala tim wieħed nistgħu nibqgħu nżommu l-livell meħtieġ! Nirringrazzja wkoll id-diversi kumitati li dejjem appoġġjawni tul is-servizz tiegħi tul dawn is-snin kollha li ilni fi ħdan din l-Għaqda, lill-Kummissjonijiet kollha, b'mod speċjali lill-Kummissjoni Banda tal-għajnuna tagħhom. U fuq kollox nirringrazzja lill-familjari l-iktar lil marti għas-sapport li dejjem sibt. Biex inkun nista' nwettaq ħidmieti jeħtieġ ħafna sagrifiċċji! Ix-xogħol ta' Surmast fil-banda mhux biss dak li jidher fil-każin!! Hemm ħafna xogħol intanġibbli, li ma jidhirx!!

Hemm ħafna ħin liberu meħud biex wieħed jistudja l-mużika, jirranġa partijiet, jikkomponi u ħafna xogħol ieħor li jirrikjedi xogħol metikoluż biex wieħed jilħaq il-livell meħtieġ fl-eżekuzzjoni tal-mużika!!

Grazzi lill-Madonna Omm tal-Grazzji li dejjem tagħtni s-saħħa biex inwettaq ħidmieti u jalla tibqa' tagħtini s-saħħa u tgħini biex nibqa' nagħti servizz lil din l-Għaqda li nħobb u nibqa' nferraħ lill-partitarji numerużi bil-marċi popolari u kompożizzjonijiet li nikkomponi minn żmien għal żmien.

**Viva l-Madonna tal-grazzja. Viva l-Banda San Mikiel.**

**Mro.David Agius**
***A.Mus LCM,A.Mus VCM (Hons) ALCM***